MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2013

Numru. 339/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**Vs**

**Manwel Farrugia, bin Carmelo u Lorenza nee' Xerri, imwieled Lija fl-20/12/191, residenti 22, 6 ta' Awwissu, Triq Egido Lapira, Lija u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 14242M**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Manwel Farrugia li permezz taghha huwa gie akkuzat talli nhar il-25 ta' April 2009 ghal habta tal-2300hrs u sighat qabel gewwa Triq Sarrija, Floriana bhala id-detentur ta' licenzja ta' fabbrika licenzjata tax-xogholijiet tan-nar u cioe' dik ta' San Mikiel, Hal Lija u ghalhekk bhala persuna licenzjata sabiex tahraq xoghol tan-nar minn gewwa l-Fosos fi Triq Sarrija, Floriana u responsabbli sabiex tizgura li tkun qed

tigi mharsa kull restrizzjoni jew kundizzjoni li tinsab f’dik il-licenzja:

b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragini jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti ikkaguna offiza gravissimi fuq il-persuna ta’ Kurt Connor ta’ tlettax-il sena detentur tal-karta ta’l-identita bin-numru 26995M u dana bi ksur ta’l-Artikolu 225, 226(1)(a), 218(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi,

Rat in-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali tat-18 ta’ Frar 2011.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijietipprezentati mill-partijiet.

Rat l-atti kollha processwali.

Ikkunsidrat,

Illi l-Qorti ghandha quddiemha, f’dina il-kawza, incident sfortunat fejn zaghzugh tilef il-vista kompletament minn ghajn wahda meta taret xrara ta’ nar minn raddiena li kienet qed tinharaq waqt il-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar Mekkanizzat li sar nhar il-25 ta’ April 2009. Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat tal-offiza gravi u involontarja kif previst fl-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-kapacita tieghu bhala detentur tal-licenzja tax-xogholijiet tan-nar u cioe’ dik ta’ San Mikiel ta’ Hal Lija. Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi l-Ghaqda tal-Kamra tan-Nar ta’ Hal Lija li kienet illicenzjata fiz-zmien ta’ dana l-incident fuq l-imputat kienet qed tippartecipa f’dana il-Festival, fost ghaqdiet tan-nar ohra ta’ diversi lokalitajiet u irhula f’Malta. Illi huwa fatt ukoll inkontestat illi l-imputat ma kienx il-persuna li fizikament kien qieghed jahraq in-

nar meta sehh l-incident. Illi dwar ir-responsabbilta vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

**"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."**

Illi mill-provi li hemm fl-atti jirrizulta indubbjament ippruvat illi l-imputat kien id-detentur tal-licenzja tal-Kamra tan-Nar ta' Hal Lija. Jirrizulta ukoll illi l-permessi kollha necessarji u rikjesti bil-ligi ghal partecipazzjoni ta'l-Ghaqda fil-Festival kollha saru f'isem l-imputat inkluz ghalhekk il-polza ta'l-assikurazzjoni li necessarjament trid issir sabiex ikun jista' jinhareg il-permess relattiv minn naha tal-Pulizija sabiex isir il-hruq tan-nar. Dan, kif diga inghad, ma hux ikkontestat mid-difiza. L-imputat stess ighid illi huwa ilu 'il fuq minn erbghin sena jahdem il-loghob tan-nar u ilu jippossjedi il-License "A"[1] ghall-istess numru ta' snin. Illi irrizulta mill-provi ukoll illi il-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekanizzat jigi organizzat ta'kull sena lejliet il-festa ta' San Publju mill-Kunsill Lokali tal-Furjana. Bhala organizzaturi tal-Festival, il-Kunsill jinkariga lis-socjeta Leon Productions, immexxija minn Noel Castillo. Japplikaw l-ghaqdiet tan-nar sabiex jippartecipaw f'dana il-Festival u wara titella' bil-polza is-sekwenza ta' kif dawn l-ghaqdiet ikunu ser jaharqu in-nar taghhom. Kull kamra tigi assenjata zewg toqob li fihom jitpoggew l-arbli taghhom bil-giggifogu. Jidher illi din is-sekwenza izda tista' tinbidel jekk ikun hemm fatturi li jimmilitaw favur dan, bhala per ezempju il-hxuna tal-arbli li jista' ikun ma joqghodux f'xi toqba assenjata lil dik il-kamra, izda ikunu

---

1 Kategorija "A" - ghall-persuni kwalifikati fil-manifattura u s-sorveljanza ta' xoghlijiet tan-nar Leg. Suss.33.03 regolament 4.

joqghodu f'xi toqba ohra li tkun assenjata lil xi kamra tan-nar ohra. Wara dan jinhargu il-poloz ta'l-assikurazzjoni li dejjem isiru mis-socjeta KDM Insuranace Brokers Limited bhala brokers ghas-socjeta SMS Insurance Agnecy Limited. Wara li jinhargu dawn il-poloz, johorgu il-permessi mehtiega minn naha tal-pulizija ezekuttiva. Il-partecipanti iridu joghqodu ghal diversi kundizzjonijiet imposti fuqhom mill-Kunsill ghal partecipazzjoni taghhom f'dana il-Festival u f'kaz ta' xi non-osservanza huma jigu awtomatikament skwalifikati.[2]

Illi mill-provi jirrizulta illi n-nies li kellhom jiehdu hsieb il-hruq tan-nar mill-kamra tan-nar ta' Hal Lija kienu l-imputat u certu Karl Bonnici li t-tnejn huma detenturi tal-licenzja kategorija "A", Silvan Farrugia, iben l-imputat bil-licenzja kategorija "B" u Christian Deguara bhala assistent bil-licenzja kategorija "D[3]". Illi l-ligi permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 33.03 taghti spjegazzjoni dwar l-obbligi li igibu maghhhom kull kategorija fejn jinghad illi:

**(a) Kategorija "A" - ghall-persuni kwalifikati fil-manifattura u s-sorveljanza ta' xoghlijiet tan-nar;**
**(b) Kategorija "B" - ghall-assistenti tal-persuni li jkollhom licenza tal-Kategorija "A";**
**(c) Kategorija "C" - ghall-persuni li jkunu awtorizzati jaharqu xoghlijiet tan-nar taht is-sorveljanza ta' persuna li jkollha licenza tal-Kategorija "A";**
**(d) Kategorija "D" - ghall-persuni li qed isegwu kors ta'taghlim ghal hruq ta' licenza tal-Kategorija "B"**

**Izda persuni li jkollhom licenzi fil-Kategorija "A" u "B" jkunu wkoll awtorizzati jisparaw xoghlijiet tan-nar.**

Illi ghalhekk jidher illi saru il-preparattivi kollha mehtiega, inhargu il-permessi kollha skond il-ligi u jidher illi l-partecipanti kienu osservaw ir-regoli kollha mehtiega sabiex jippartecipaw. Ma jidhirx illi kien hemm xi skwalifika li sehhet minhabba xi nuqqas ta' osservanza ta' xi regolamenti. Illi kien hemm ukoll regoli imposti fuq dawna

[2] Ara fols.171 sa 175.
[3] Ara fol.129 tal-process il-lista tal-persuni li kienu involuti il-hruq tal-loghob tan-nar.

il-partecipanti ghar-rigward tal-mod kif x-xoghol tan-nar kellu jinhadem:

1. “Kull bicca nar ta’l-art ma tridx tkun anqas minn 18-il pied u mhux aktar minn 30 pied cirkonferenza (il-qafas tar-raddiena). Dawn il-qisien jghoddu ghal meta tali Nar ta’l-Art tkun miftuha.” Minn dawn ir-regolamenti jirrizulta illi dana x-xoghol jitkejjel qabel ma kull bicca nar ta’l-art titwaqqaf f’postha.
2. “Kull bicca trid tintrama fuq arblu addattat u b’tali mod ekwivalenti ghal pjazza daqshekk kbira bhalma huwa il-Fosos tal-Furjana – jigifieri tkun l-gholi bizzejjed biex din titgawda mill-pubbliku.”
3. “Ix-xoghol irid ikun mekanizzat.”
4. “Jistghu jintuzaw biss fjammi jew sbruffaturi ta’ mhux aktar minn pulzier dijametru (skond il-ligi tal-piroteknika Maltija). Ma jista’ jintuza l-ebda forma ta’ nar iehor simili.”

Jidher illi dan kollu jigi imkejjel mill-organizzaturi biex issir il-verifika tal-qisien uzati. Jidher ukoll illi l-partecipanti li ma josservawx dina ir-regola jigu skwalifikati.

Dana iwassal lil dina l-Qorti ghal konkluzjoni wahda u cioe’ illi l-Kamra tan-Nar ta Hal Lija kif illicenzjata f’isem l-imputat kienet osservat dawn ir-regoli kollha in konnessjoni max-xoghol tan-nar gialdarba l-partecipazzjoni taghha giet accetata mill-organizzaturi.

Illi fil-jum ta’l-incident mertu tal-kawza jirrizulta mill-atti illi l-imputat ghalkemm prezenti ma kienx qieghed jiehu hsieb il-hruq tan-nar ta’l-art tal-Kamra tan-Nar tieghu, izda kien qieghed biss josserva dak li kien qed jigri. Illi jiehdu hsieb il-hruq, kien hemm certu Karl Bonnici li ghandu licenzja kategorija “A”, iben l-imputat Silvan Farrugia, Christian Deguara u Joseph Mangion il-PRO tal-Ghaqda. Illi ghal xi raguni inspjegabbli dawn in-nies qatt ma itellghu jixhdu mill-Prosekuzzjoni, u cioe’ in-nies li kienu direttament involuti fil-hruq tan-nar u li setghu jitfghu dawl fuq il-mod kif inharqet ir-raddiena, x’sistema intuzat u x’gara ezattament meta taret ix-xrara minn dina ir-raddiena li spiccat f’ghajnejn Kurt Connor.

Mill-provi akkwizti fl-atti jirrizulta illi l-Kamra tan-Nar ta’ Hal Lija kellha tahraq in-nar fit-tielet post. Qabilha kien hemm l-Ghaqda tan-Nar tas-Sagra Familja tal-Kalkara u warajha il-Kumpless tan-Nar Santa Marija ta’ Hal Ghaxaq. Illi meta l-ewwel Kamra tan-Nar u cioe’ dik taz-Zurrieq kienet lestiet, minflok bdiet il-wirja taghha l-Ghaqda tan-Nar tal-Kalkara, ghal xi raguni jew ohra bdiet tahraq il-Kamra tan-Nar ta Hal Lija. Fil-fatt jidher illi ghalkemm il-prezentatur habbar illi kienet ser tahraq dik tal-Kalkara, fil-pront rega’ habbar illi kienet qed tahraq dik ta’ Hal Lija u ghalhekk kellha tinbidel is-sekwenza. Mix-xhieda ta’l-istess Noel Castillo, jidher illi din tigri spiss. Ighid hekk ix-xhud:
“**Fil-festival ikun hemm sekwenza, sekwenza kif suppost jaharqu il-kmamar tan-nar. Biss din is-sekwenza tinbidel kwazi kull sena anke fl-eventwalita’ ta’ dakinhar stess, hemm hafna affarijiet.**[4]”

Illi sfortunatament ma hemmx provi fl-atti li tindika lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni x’gara ezattament dak innhar sabiex bdiet tahraq l-Ghaqda tan-Nar ta’ Hal Lija minflok dik li suppost kien imissiha u cioe’ tal-Kalkara. L-imputat ighid illi qabbdet ir-raddiena taghhom minhabba fir-rih. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu izda issir referenza ghal mod kif kellu jinharaq dana in-nar mill-mistoqsijiet li isirulu mill-Ufficjal Investigattiv:

**M. Nghidlek sew illi s-sistema taghkom kienet tahdem permezz ta’ xokkijiet jigifieri kif gie spjegat lili permezz ta’ elettriku?**
**T. Iva**
**D. Inti tifhem fiha din is-sistema elettronika?**
**T. Le.**
**M. Min ghamilha din is-sistema?**
**T. Silvan Farrugia, it-tifel tieghi u Christian Deguara.**
**M. Ghandhom xi skola fid-dawl?**
**T. It-tifel tieghi tghallem ghax delettant u Christian kien skola ta’l-eletronics.**
**M. Allura bhala persuna responsabbli li l-anqas kont fil-parti ristretta, kif hallejt xoghol jinharaq permezz ta’ sistema illi inti l-anqas taf thaddem?**

---
[4] Fol.193 tax-xhieda

**T. Jiena ghalkemm ma kontx fil-parti ristretta kont quddiemhom u kont qed nara u insegwi kollox. Hallejt lil dawn in-nies jahdmu fuqhom ghax naf illi huma jinqalghu.**
**M. Bhala persuna responsabbli mix-xogholijiet li jsiru kemm fil-kamra tan-nar waqt li jkun qed jigi mmanifatturat dan ix-xoghol kif ukoll waqt li dan ikun qed jinharaq, kont taf x'inhuma il-perkusjonijiet, il-vantaggi w l-izvantaggi ta' din is-sistema, jew jekk kenitx safe?**
**T. Dini s-sistema ilna nuzawha u tista' tghid illi kulhadd biha jahdem. Ahna ilna nuzawha xi erba' snin u qatt ma nqala incident u dak in-nhar kienet guranata bhall-ohrajn.**
**M. Jidher illi dak inhar tal-25 ta' April 2009, ir-raddiena hadet wahedha hekk kif min kien qed jiehu hsieb miss il-wires tal-battery. Kont taf li s-sistema tista' tiehu wahedha anka b'daqshekk biss?**
**T. Daz-zgur, dak hu x-xoghol il-fatt li tmiss il-wires.**
**M. Allura nghid sew li suupost il-wires ikunu il-hin kollu mqabbdin mal-battery u in-nar jinharaq permezz ta' switch biex jigi evitat li r-raddiena tiehu wahedha accidentalment kif fil-fatt gara?**
**T. Tista taghmlu bl-iswitches ukoll.**
**M. Min jiehu hsieb ha jara n-nar u is-sistema hix safe bizzejjed?**
**T. Mhux kulhadd jara dik.**
**M. Nghidlek sew illi bhala licencee inti r-responsabbli?**
**T. Iva.**
**M. Min kienet il-persuna li bi zball misset il-wires tal-battery?**
**T. Ma niftakarx jekk hux Christian jew Silvan.**
**M. Huma biss apparti il-licence "A", Karl Bonnici kienu qed jiehdu hsieb il-hruq tan-nar?**
**T. Daz-zgur.**"

Huwa biss minn dana l-estratt ta'l-istqarrija tal-imputat illi l-Qorti tinghata hjiel zghir dwar dak li gara fil-25 ta' April 2009.[5] Illi l-prosekuzzjoni ittella' ukoll lil Joseph Schembri

[5] Ara stqarrija ta'l-imputat tat-23 ta' Frar 2010 a fol.33 et. seq.

li kien qed jiehu hsieb il-hruq tan-nar tal-Kalkara u lil Brian Xuereb li kien qed imexxi dak ta' Hal Ghaxaq, izda x-xhieda ta' dawn it-tnejn minn nies ma titfax wisq dawl fuq dak li sehh verament. Joseph Schembri ighid illi huma jaharqu in-nar bis-sistema tradizzjonali, izda ma jafx x'kienet ir-raguni 'il ghala r-raddiena ta' Hal Lija hadet in-nar qabel taghhom. Ighid illi ghadda z-zmien u ma jiftakarx jekk kienx minhabba fir-rih jew ghal xi raguni ohra. Brian Xuereb, ukoll minn naha tieghu, ma jitfa' l-ebda dawl fuq dak li gara fil-jum ta'l-incident. Anzi hafna mix-xhieda ighidu illi dak in-nhar lanqas irrealizzaw li sehh incident u indunaw biss l-ghada jew xi jiem wara.[6]

Illi maghdud dana kollu, ma hemmx dubbju, madanakollu illi fil-mument illi kienet qed taqbad ir-raddiena tal-Ghaqda tan-Nar ta' Hal Lija taret xrara li taret distanza konsiderevoli ta' hamsin metru u cioe' lil hinn mill-barriers fejn kien hemm l-ispettaturi qed isegwu dana il-Festival sabiex laqtet lil Kurt Connor f'ghajnejh meta dana il-guvnott lanqas biss kien qed isegwi dana il-Festival, izda kien qieghed jitkellem ma' shabu. Connor ittiehed l-isptar fejn mal-ewwel gie osservat illi kien sofra griehi ta' natura gravi f'ghajnejh tax-xellug. Dana jirrizulta mic-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Gabriella Sciriha dak in-nhar stess u ix-xhieda moghtija minnha fil-qorti.[7] Fil-fatt minn ezamijiet medici aktar approffonditi li isiru fuq Kurt Connor in segwitu ghall-incident jigi iccertifikat illi dana iz-zaghzugh sofra griehi serji fir-*retina* tant illi huwa tilef il-vizta minn din l-ghajn kwazi kompletament u b'mod permanenti.[8]

Illi r-rapport minn naha tal-pulizija iddahhal fl-istess jum u cioe' fil-25 ta' April 2009 u omm il-vittma Carmen Connor giet mghoddija kopja tar-rapport sabiex tghaddieh lill-assikurazzjoni li kienet qed tkopri dana il-festival fil-05 ta' Mejju 2009.[9] L-Ufficjal Prosekutur li kien qed jinvestiga dana l-incident ighid illi assuma illi kienet ser tinfetah claim ma'l-assikurazzjoni u kwindi ma kompliex bl-

---

[6] Ara xhieda a fols.177 u 184.
[7] Ara certifikat a fol.24 u xhieda a fol.90
[8] Ara xhieda ta' Dr. Jan Janula a fol.113
[9] Ara PIRS esebiet a fol.36 u 37

investigazzjonijiet, izda seba’ xhur wara u cioe’ f’Novembru 2009 kien gie ikkuntattjat mill-familja tal-vittma fejn infurmawh illi Kurt kien sofra danni irreparabbli f’ghajnejh u li ma kienx gie ikkumpensat mill-assikurazzjoni u ghalhekk huwa beda jinvestiga dana il-kaz seba’ xhur wara li sehh, fejn imbaghad f’April 2010 gew inizjata dawn il-proceduri fil-konfront ta’l-imputat.

Ikkunisdrat.

Illi l-imputat ghalhekk gie akkuzat, fil-kwalita tieghu ta’ detentur tal-licenjza tal-Ghaqda tan-Nar ta’ Hal Lija illi b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragini jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew il-professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Kurt Connor. Dina l-akkuza hija riflessa fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali fejn hemm indikat l-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi l-Qorti trid tara allura jekk f’dana il-kaz l-incident sehhx b’negligenza u nuqqas ta’ attenzjoni jew tharis tar-regolamenti da parti ta’l-imputat.

Illi kif jispjega l-gurista Francesco Antolisei:

**“A noi sembra che pre comprendere la vera essenza della colpa bisogna considerare che nella vita sociale si verificano spesso situazioni nelle quali da una attivita` diretta ad uno scopo possono derivare conseguenze dannose per i terzi. L’esperienza comune o tecnica, cioe` propria di tutti gli uomini o di una categoria di persone che esplicano una particolare attivita`, insegna che in questi casi bisogna usare determinate precauzioni, onde evitare che gli interessi altrui siano pregiudicati. Sorgono per tal modo delle *regola di condotta*. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come, per es., quello per cui il possessore di un’arma da fuoco e` tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita`, pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita`, piu` o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e`**

**possibile, conseguenze nocive per i terzi. Cosi` all'imprenditore di lavori che apre una buca in una pubblica via e` prescritto di collocare certi segnali. Il reato colposo nasce sempre e soltando dall'innosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero cosi` formulato, e` la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche` nel reato doloso il giudice rimprovera il reo di avere voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo` muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella *inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita` allo scopo di prevenire eventi dannosi*…la nota concettuale della colpa e` data dalla imprudenza o negligenza. Il suo carattere essenziale consiste, in altri termini, nella *inosservanza di precauzioni doverose*."[10]**

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Perit Louis Portelli, il-kompjant Imhallef Flores stqarr:

**"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art.239 (illum 225) tal-Kodici Penali ili tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb f'("imprudenrza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannus involontarju;**

**"Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu isir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik**

---

[10] **Manuale di Diritto Penale – Parte Generale** Giuffre` (Milano) 1989, para. 133, pp. 322-323.

**ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant ihallieh fl-istess hin liberu li jivaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione" (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, 11,27 , p. 46);**

Illi l-gurisprudenza izzid ukoll illi ma' dawn l-elementi irid ikun hemm necessarjament l-element ta' preveddibilita' u cioe' illi l-agent jonqos volontarjament milli jagixxi b'diligenza tant illi b'tali agir ikun prevedibbli (u mhux previst) li jista' isehh l-event dannuz. Illi Francesco Antolisei, fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Generale jghid hekk:

**:"*Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimi tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: "La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevediblli del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'.*"**

Illi din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Richard Grech (21.03.1996), gie deciz li jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz

b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni posittiva indiretta.

Illi, kif jispjega Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu, il-ligi ma taghtix definizzjoni tal-frazijiet "nuqqas ta'hsieb", "traskuragni" u "nuqqas ta' hila" izda **"*it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances*."**

Illi minn dina l-gabra ta' dottrina u gurisprudenza, jirrizultaw ghalhekk i-segwenti elementi essenzjali irridu jissussistu sabiex tinsab htija ghar-reat ta' natura involontarja**:**

**1. azzjoni volontarja negligenti, imprudenti u non-kuranti.**
**2. ness bejn l-azzjoni jew in-nuqqas taghha u l-event dannuza.**
**3. l-element tal-prevedibbilita'**

Ikkunsidrat,

Illi stabbiliti dawn l-elementi legali, kwindi, din il-Qorti trid tara jekk l-imputat:

1. kienx negligenti, imprudenti u non-kuranti fl-agir tieghu.
2. jekk dana jirrizulta, jekk kienx hemm ness bejn dana l-agir tieghu u l-event dannuz.
3. jekk il-hsara kenitx wahda prevedibbli.

Illi l-Qorti qabel xejn tosserva illi fl-atti hemm mankanza kbira ta' provi li jistghu b'xi mod jitfghu dawl fuq il-mod kif gie mmanifatturat il-loghob tan-nar in kwistjoni. Il-Qorti ma ghandha l-ebda sengha jew hila specjali fuq kif jinhadem il-loghob tan-nar, la tal-art u lanqas ta'l-ajru. Sfortunatament il-provi prodotti ftit huma ta' ghajnuna ghal Qorti. Illi dana qed jinghad ghaliex l-ewwel u qabel kollox, sabiex il-Qorti tista' tasal biex tistabbilixxi jekk kienx hemm xi nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni da parti ta'l-imputat, irid jigi stabbilit il-*modus operandi* ta' kif inhadmet ir-raddiena in kwistjoni – x'teknika intuzat, x'materjal

intuza u affarijiet ohra li jistghu jitfghu dawl fuq ir-raguni, (jekk tezisti wahda), ‘il ghala taret xrara mir-raddiena filwaqt li kienet qed tinharaq. Il-Qorti tistaqsi – dan kien kaz fortwit jew kien incident li seta’ kien prevedibbli minhabba li intuza xi materjal ta’ kwalita inferjuri, jew inkella intuza materjal mhux addattat jew is-sistema li intuzat ma kenitx wahda mahduma tajjeb jew seta’ kien zball da parti ta’ min kien qed jahraq in-nar? Illi sfortunatament l-Qorti ma sabet l-ebda twegiba ghal dawn il-mistoqsijiet fl-atti. Illi l-Qorti ma tistax tifhem per ezempju ‘il ghala in-nies li haddmu dana ix-xoghol ma tressqux bhala xhieda sabiex jispjegaw lill-Qorti xi kwalifiki ghandhom, x’materjal uzaw, x’sistema giet adoperata fost ohrajn. Inoltre f’dana il-kaz l-investigazzjonijiet bdew wisq tard biex b’hekk provi indizzjarji u cirkostanjzali li setghu kienu ghadhom prezenti fuq ix-xena wara li sehh l-incident intilfu. Inoltre in-nies involuti ma gewx mitkellma *a tempo vergine* fejn dak li qalu seta’ jigi ikkonfermat mill-provi cirkostanzjali. Kwindi lanqas seta’ jigi stabbilit jekk kienx hemm xi xhieda okulari li setghu jitfghu iktar dawl fuq dana l-incident.

Il-Qorti ghandha biss l-istqarrija ta’l-imputat u ikkonfermat bil-gurament fil-kors tax-xhieda tieghu sabiex tipprova tifhem x’seta’ sehh. Minn dak li ighid jirrizulta illi ma gietx uzata is-sistema tradizzjonali (li l-Qorti ma ghandhiex hjiel lanqas xi tfisser), izda sistema ta’l-elettriku b’xi battery u wires li milli jidher kif wiehed appena imiss dawn il-wires, tibda’ tinharaq ir-raddiena. Jidher illi dina is-sistema hija wahda iktar “safe” jekk ikun hemm xi sistema ta’ switches li iqabbdu in-nar minflok ma wiehed jolqot il-wires biss. Izda il-Qorti terga’ tistqarr illi dana kollu ukoll ma iwassalha imkien stante illi ma hemmx provi fl-atti li jistghu jitfghu dawl fuq id-differenza li tezisti bejn dawn iz-zewg sistemi u liema sistema hija l-ahjar wahda u jekk dina is-sistema hijiex xi wahda “unsafe and unsatisfactory”. Di piu’ din il-Qorti lanqas tista’ tasal biex tistabilixxi jekk kenitx dina is-sistema li wasslet sabiex taret dina ix-xrara mir-raddiena jew inkella jekk dina xortwahda kienet isehh fi kwalunkwe kaz. Forsi l-incident xortwahda kien isehh ghaliex ma kellu xejn x’jaqsam ma’liema sistema tigi adoperata.? Forsi dina sehhet minhabba illi l-materjal uzat

kien wiehed inferjuri jew kien b'sahhtu wisq? Forsi dan jista' isehh fi kwalunkwe kaz peress illi l-loghob tan-nar, toqghod attent, kemm toqghod attent xorta jibqa' wiehed li igorr mieghu ammont ta' riskju u periklu!

Illi sfortunatament dawn huma kollha dubbji li baqghu jidwu f'mohh dina l-Qorti meta giet biex tasal ghal gudizzju taghha. Li huwa ippruvat lil hinn minn kull dubbju huwa illi l-imputat huwa bniedem li ghandu il-licenzja kategorija "A" biex jimmanifattura u jahraq in-nar, liema licenjza kienet ilha ghandu ghal dawn l-ahhar erbghin sena. Illi bhala id-detentur tal-licenjza tal-Ghaqda tan-Nar huwa osserva il-kundizzjonijiet u ir-regoli kollha mehtiega sabiex jippartecipa f'dana il-Festival ghaliex altrimenti kien jigi skwalifikat. Dana gie ikkonfermat kemm minn naha tal-Kunsill Lokali tal-Furjana li kien qed itella' dana il-Festival, kif ukoll mill-organizzaturi, il-Leon Promotions. Dana kollu jimmilta favur l-imputat. Minn naha l-ohra jirrizulta minn ammissjoni ta'l-imputat stess illi ix-xoghol tan-nar inhadem minn persuni li kellhom biss licenzja kategoriji "B" u "C". Madanakollu jidher illi prezenti maghhom kien hemm persuna licenzjata kategorija "A" certu Karl Bonnici li qatt ma tressaq bhala xhud, kif qatt ma tressqu jixhdu Silvan Farrugia u Christian Deguara. Dana ghaliex l-imputat ma jifhimx fis-sistema ta'l-elettriku li kienet qed tintuza dak in-nhar u li kienet ilha tintuza ghal xi snin qabel. Seta l-imputat jipprevedi illi bil-mod kif inhadem in-nar u bis-sistema li giet uzata seta gara xi event dannuz? Dana in-nuqqas da parti ta'l-imputat huwa bizzejjed sabiex jigi stabbilit in-ness bejn dak li sehh u il-griehi li sofra Kurt Connor? Fuq kollox ghalkemm l-imputat ma kienx prezenti fil-parti ristretta, huwa kien qed osserva dak li kien qed jigri u halla persuna li kellu licenzja kategorija "A" jiehu hsieb dana il-hruq. Illi anke jekk ghal grazzja tal-argument il-Qorti kellha issib xi nuqqas fl-imputat ghall-fatt illi huwa ma kienx jifhem fis-sistema uzata u ma kienx prezenti ghal hruq, xortawahda tibqa' mizghuda bid-dubbji u dana ghaliex fl-atti ma hemmx provi li jistghu jikkonfortawha u iwasslu ghal sejbien ta' htija lil hinn minn kull dubbju dwar in-ness bejn l-agir ta'l-imputat u l-event dannuz u dwar kemm seta l-imputat jipprevedi dak li sehh. Dana ghaliex tonqos il-prova dwar x'kienet ir-raguni li wasslet sabiex dik

ix-xrara taret mir-raddiena ghal fuq in-nies u cioe' jekk dana sehhx minhabba nuqqas ta' hila fil-manifattura u is-sistema uzata jew inkella jekk dana kienx semplicement incident sfortunat, konsegwenza naturali li tista' isehh fil-hruq tan-nar ta'l-art. Fuq kollox hija minhabba f'dina r-raguni illi l-ligi tirrikjedi il-hrug ta' polza ta' assikurazzjoni sabiex tkopri dawn l-avvenimenti ghaliex dejjem huwa previst illi incidenti simili jistghu isehhu.

Illi ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, l-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat billi hemm mankanza ta' provi fl-atti li jistghu iwassluha ghal dikjarazzjoni ta' htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u dana dejjem minghajr pregudizzju ghad-drittijiet civili spettanti lill-vittma skond il-ligi. Fuq nota finali l-Qorti ghalhekk taghmel appell lis-socjeta ta'l-assikurazzjoni SMS sabiex tara illi l-vittma Kurt Connor jinghata kumpens xieraq u adegwat ghat-telf li sofra f'dana l-incident verament sfortunat, sabiex b'hekk huwa ikun jista' ikompli isegwi l-ambizzjonijiet tieghu ghal futur.

Ghalhekk abbazi tal-motivi hawn fuq migjuba, l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuza migjuba fil-konfront tieghu fuq nuqqas ta' provi.

Finalment il-Qorti tordna notifika ta' dina is-sentenza lis-socjeta SMS Insurance Agency Ltd.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------